MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2003

Avviz Numru. 718/2001/1

**Michael Ciappara**

**vs**

**Mirabel Distributors Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-2 t'Awissu tas-sena 2001 li permezz tieghu l-attur ressaq lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex:**

**1. Thassar is-sentenza moghtija fil-Qorti tal-Magistrati, (Malta), Avviz numru 1281/00 JAB fit-23 t'April, 2001, fl-ismijiet "Mirabel Distributors Limited vs Michael Ciappara" ghar-ragunijiet indikati fl-**

**artikolu 811 (b) u dan ghaliex l-attur Michael Ciappara qatt ma gie notifikat bic-Citazzjoni relattiva u sar jaf biss bis-sentenza wara l-ittra tal-konsulent legali tas-socjeta' Mirabel Distributors Limited tat-3 ta' Mejju, 2001;**

**2. Tichad it-talbiet ta' l-istess Mirabel Distributors Limited f'dik il-kawza, bl-ispejjez kontra l-istess Mirabel Distributors Limited konvenuta ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni;**

**3. Il-valur tal-kawza li qed tigi ritrattata ma jeccedix l-elf Lira Maltin.**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata d-19 ta' Settembru tas-sena 2001 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi preliminarjament, it-talbiet huma nulli u irritwali ghax talba ghar-ritrattazzjoni quddiem din il-qorti kellha ssir b'citazzjoni u mhux b'semplici Avviz;**

**2. Illi wkoll in linea preliminari, l-Avviz huwa f'kull kaz null stante illi skond il-gurisprudenza taghna domanda ghar-ritrattazzjoni ta' kawza tippostula zewg stadji separati u distinti – wiehed *`in rescindente'* u l-iehor *`in rescissorio',* b'dan illi z-zewg stadji huma kull wiehed *`a se stante'*, fis-sens li ghandhom isiru zewg talbiet, wahda ghar-revoka tas-sentenza u l-ohra ghall-konsegwenzjali ritrattazzjoni tal-kawza; f'dan il-kaz, ma saritx it-talba apposita biex tigi ritrattata l-kawza gia deciza minn din il-qorti;**

**3. Illi fil-meritu mhux minnu li l-attur ma kienx gie notifikat bl-atti tal-Avviz numru 1281/00/JAB u l-kawza giet deciza wara li saru d-debiti verifiki dwar in-notifika; f'kull kaz, id-ditta esponenti m'ghandhiex tbati l-ispejjez tal-proceduri ta' ritrattazzjoni;**

**4. Salv, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Rat il-verbal datat it-30 t'Ottubru tas-sena 2002 li permezz tieghu l-procedura odjerna giet differita ghat-trattazzjoni rigward eccezzjonijiet preliminari kif ukoll ikkonfermat fl-udjenza tal-5 ta' Marzu tas-sena 2003;**

**Semghet it-trattazzjoni tar-rapprezentanti legali tal-partijiet rigwardanti din il-limitazzjoni;**

**Ikkunsidrat:**

**Rat il-verbal tar-rapprezentant legali tas-socjeta' konvenuta datat it-12 ta' Marzu tas-sena 2002 li permezz tieghu irtira l-ewwel zewg eccezzjonijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi in vista ta' l-irtirar ta' dawn l-ewwel zewg eccezzjonijiet din il-qorti ma baqala l-ebda eccezzjoni ohra x'tezamina u ghalhekk tqis li l-kawza odjerna hi issa matura biex tigi ezaminata fil-meritu;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi pero' ghandu jinghad li minn ezami tad-dokumentazzjoni esebita fil-process u li l-istess partijiet jaqblu fuqha, ic-certezza tan-notifika kif rikjesta fl-artikolu 187 (1) tal-Kap 12 ma tirrizultax;**

**Ghaldaqstant, din il-qorti, stante li s-socjeta' konvenuta gia' irtirat iz-zewg eccezzjonijiet preliminari in dizamina, tordna l-prosegwiment tal-kawza fuq il-meritu, bl-ispejjez provvizorjament ghas-socjeta' konvenuta.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------